# ĠORĠ ZAMMIT - IX-XEJRIET EWLENIN TA' RUĦ ROMANTIKA

**Oliver Friggieri**

## Kumment storiku-letterarju

Il-letteratura Maltija twieldet bħala riżultat dirett tal-moviment romantiku-risorġimentali Taljan, argument li fittixt li nistħarreġ fl-ewwel volum ta' *Storja tal-Letteratura Maltija* (1979). Iċ-ċaqliqa kbira li ġieb miegħu s-seklu dsatax kellha tinvadi l-gżira minħabba li l-qofol ta' l-identità Ewropea ta' Malta kien jinkixef l-aktar f'ċerta rabta awtomatika ma' l-Italja, fl-ilsien (kemm it-Taljan bħala mezz ta' kultura, u kemm il-Malti, bħala lsien popolari li ħa l-identità tiegħu billi ma żiedx mas-saff fundamentali u stagħna b'bosta modi mit-taħdit Ewropew), fil-kultura u f'relazzjonijiet soċjali u ta' bixra varja. Ir-rabta ta' Malta ma' l-Italja hi l-qofol tal-kisba gradwali ta' kuxjenza nazzjonali (kburija skond storja, ġellieda skond mentalità ġdida) fis-seklu l-ieħor u fil-bidu ta' dan is-seklu. Min-naħa l-oħra l-letteratura bil-Malti — miktuba minn awturi ta' kultura tradizzjonali Maltija (i.e. Taljana) u mibnija fuq l-eqdem saff tal-letteratura f'Malta (miktuba bil-Taljan) — hija għamla ta' parteċipazzjoni fir-romantiċiżmu Taljan. Bi lsien ta' nisel semitiku li sar Malti sewwa sew billi ewropeizza ruħu, ir-ruħ letterarja Maltija mxettla fil-ħamrija tas-seklu dsatax bdiet moviment romantiku li ssokta saħansitra sa żmienna.

Minn Ġan Anton Vassallo sa Dun Karm, Rużar Briffa, Anton Buttigieg, Karmenu Vassallo, Ġorġ Zammit u oħrajn hemm mixja sħiħa ta' temi, simboli, forom letterarji li jixhdu li l-identità ta' l-ewwel fażi twila tal-letteratura lokali hi romantika skond il-qafas Ewropew, u l-aktar Taljan. Din ix-xejra ewlenija ssoktat saħkemm fis-snin sittin il-kittieba l-ġodda — fil-poeżija, fin-narrattiva, fit-teatru — qatgħuha li jitilqu l-iskejjel qodma u jġeddu l-kitba lokali billi jdaħħluha fid-dinja kontemporanja tagħhom, b'rabta ġdida u partikulari mal-kisbiet Ingliżi u Amerikani, għad li l-karattru Latin tal-kultura li trawmu fiha ma setax iwarrab. Minkejja waqtiet ta' kuxjenza differenti, ir-ruħ vera ta' Ġorġ Zammit tidħol kollha kemm hi fil-kwadru tan-nebħa romantika li f'Malta, minħabba l-qagħda soċju-politika, kellha tissokta tikber u tisseddaq anki żmien twil wara li din l-istess nebħa ħadet bixriet oħra f'bosta pajjiżi.

## X'inhu romantiċiżmu

Fi kliem ħafif li jista' jgħin fil-qosor biex wieħed jifhem sewwa l-egħruq ta' l-identità tal-poeta (u miegħu tal-letteratura kollha ta' qabel il-moviment modern), ir-romantiċiżmu jista' jitqies bħala sensibilità — ar-

tistika, soċjali, politika u l-bqija — li sabet il-qofol tagħha fis-seklu dsatax, issoktat wara b'bosta modi u f'Malta kienet il-kawża ta' kull ċaqliq politiku u letterarju li seħħ b'riżq dak kollu li hu nazzjonali. Ir-romantiċiżmu hu, qabel xejn, nazzjonalistiku, kontra l-kosmopolitiżmu ta' l-Illuminiżmu Franċiż u l-internazzjonaliżmu ta' żmienna, reazzjoni oħra kontra l-imgħoddi.

Ir-romantiċiżmu jemmen fis-sentiment bħala l-ogħla wirt tal-bniedem u jwarrab ir-raġuni bħala l-akbar limitazzjoni umana, jistqarr l-idealiżmu bħala l-fidi filosofika tiegħu, huwa etiku u mhux utilitarju, huwa suġġettiv u ma jemminx fil-possibilità ta' l-oġġettiv, ixandar il-libertà mibnija fuq l-individwaliżmu, jemmen fl-istorja u hu nostalġiku, jixtieq idewweb l-arti kollha (u anki l-imġiba tal-bniedem) f'lirika, jew aħjar f'mużika, il-ġeneru l-iżjed maħbub tal-moviment. Jippreferi r-raħal (naturali) u mhux il-belt (artifiċjali), huwa reliġjuż u mhux materjalista, hu demokratiku u popolari u mhux aristokratiku u elitista bħal bosta kulturi ta' qabel. Fil-qasam tal-kitba poetika jagħżel metafori emotivi, iqabbel flimkien ħwejjeġ li jistgħu jqanqlu passjoni, ħolm, xewqat u jfittex dak li hu vag, indefinit, indeterminat, spiritwali. Il-ħajja hi ħolma, u l-ħolma hi l-ħajja. Minn hawn ġejja s-setgħa ġdida mogħtija lill-artist li joħloq mill-ġdid lid-dinja tiegħu u liċ-ċittadin politiku l-jedd li jibni għall-ewwel darba patrija għalih.

Fid-dawl ta' dan l-isfond sempliċi jitqiegħed l-ewwel perijodu twil tal-letteratura bil-Malti, u jsib postu Ġorġ Zammit bħala wieħed mill-ilħna reċenti l-iżjed rappreżentativi tiegħu.

## L-ispunti estetiċi

L-estetika, bħala t-tiftixa u l-istħarriġ tas-sabiħ, tixref f'awtur mhux biss meta jikteb iżda wkoll meta jieqaf jirrifletti fuq il-kitba. Bi studju ta' dawn il-waqtiet tinsilet il-viżjoni li Zammit għandu tal-poeżija. Fuq naħa hu jisħaq li l-poeżija, bħall-arti kollha, ma tistax titqiegħed fi klassifiki u tiddaħħal fi skemi li jifirduha minn oħrajn: "Il-poeżija, bħall-arti kollha, la hi antika u lanqas moderna. Jekk hi vera poeżija, ma jagħmel ebda differenza jekk tlibbisha ta' Maratona Romana, jew ta' dama ta' żewġ sekli ilu, jew bil-*jeans*. Is-sabiħ dejjem sabiħ, tlibbsu kif tlibbsu. Hi l-profondità tal-ħsieb u ta' l-emozzjoni u s-sengħa kif jimmaniġġa l-kelma li tgħodd u mhux il-forma. Il-poeta jħoss, iħobb, jifraħ jew jitnikket, u kif iħoss igħanni." [1] Darba oħra jtenni din il-fehma ta' sabiħ assolut u mhux relativ billi jissuġġerixxi li l-artist m'għandux ifittex wisq li jissieħeb f'kurrenti partikulari: "Li l-kittieb u l-artista tagħna ta' llum ikunu aġġornati mal-movimenti intellettwali ta' pajjiżi oħra hi ħaġa tajba. Imma x'hawn fid-dinja li hu tajjeb għal kollox u m'għandu xejn ħażin? Tkun aġġornat ma' żminijietek ifisser li għandek moħħ attiv u intelliġenti, li jsegwi b'interess kull żvilupp taċ-ċiviltà... Imma dan ma jfissirx li għandek bilfors tingħaqad ma' xi kurrent minnhom u timxi

---

1 *Anton Buttigieg — Poeta Liriku* f'A. Buttigieg, *Qasba mar-Riħ*, Malta, Freedom Press 1967, pp. iv-v.

mieghu... U fil-waqt li dawk li jiktbu jew jaħdmu għax imqanqlin minn ispirazzjoni profonda, u mhux biex jimxu ma' kurrent, jogħlew bħal ajkli, dawk li jiktbu jew jaħdmu għax miġbudin u mkaxkrin minn moda jibqgħu qishom tiġieġ igerfxu fl-art." 2

Il-poeta, li mhux bil-fors hu l-aħjar wieħed li jista' jirrifletti fuq ix-xogħol tiegħu nnifsu, hawn hu mbiegħed ħafna minn dak li jagħmel fil-fatt meta jikteb. Mela hemm distanza bejn il-poeta li jaħseb (i.e. dak li qiegħed jikkummenta fuq il-poeżija) u l-poeta li joħloq (i.e. dak li qiegħed jikteb il-poeżija).

Meta Zammit qiegħed itenni, bħalma tennew oħrajn, fosthom Dun Karm, li l-poeżija m'għandhiex tilbes il-libsa ta' moda jew żmien u l-bqija, huwa qiegħed ikun ilikjastiku, 3 jixtieq li ma jitqiesx fi skola jew f'oħra u li jikteb skond il-ħtiġiet u x-xejriet taż-żmien li jkun. Iżda dawk li jiktbu skond ħtiġiet u xejriet ta' żmien partikulari jiffurmaw moviment bejniethom, u hekk jinħolqu l-gruppi u l-epoki, għaliex ilkoll jiktbu individwalment skond l-*istess* ispirazzjoni tal-perijodu. Bħal Dun Karm li ma xtaqx jitqies romantiku jew klassiku jew neoklassiku, 4 waqt li l-istħarriġ xjentifiku jixhed minnufih l-identità romantika tiegħu, hekk Ġorġ Zammit hu romantiku skond l-idjoma poetika magħrufa għaliex il-kitba tiegħu tixhed dan il-ħin kollu. Għażla tematika, ħażna metaforika, xejriet retoriċi, binja lingwistika, għażla ta' forom u xejriet oħrajn li jiffurmaw poeżija juru li d-dinja tiegħu, bħal dik ta' l-ilħna ewlenin imsemmija, hi frott dirett tat-twemmin fis-sentimenti magħrufa: fidi reliġjuża mħallta ma' l-emozzjoni, qima patrijottika li tinkludi qima lill-eroj bħala l-immortali tal-pajjiż, djalogu intimu man-natura, u l-bqija. Flimkien ma' l-awturi msemmija, Zammit jikkompleta l-kwadru ta' l-aħjar waqtiet tas-sensibilità romantika f'Malta li issa, minn żmien poeti bħalu u bħal Buttigieg, bdiet turi rabtiet ġodda ma' l-ispirazzjoni Ingliża ta' xi Keats, Shelley, Wordsworth u oħrajn.

Il-poetika ta' Zammit, l-iżjed kif tixref f'*Saltnati*, hi aktar psikoloġika milli letterarja u filosofika. Jitkellem iżjed fuq il-qagħda ta' ruħu u ta' l-ambjent tiegħu bħala poeta milli fuq il-*kif* u l-*għaliex* tal-kitba. L-akbar influwenza fuqu hi dik tal-fîl umanistiku-orazjan ta' l-estetika tradizzjonali, jiġifieri dik li ssieħeb flimkien is-sabiħ, il-veru u s-siewi, bħala t-tliet sisien ta' dinja li l-poeta għandu jfittex li jfisser. Il-veru huwa

2 *Il-Kittieb fid-Dinja ta' Llum, 20 Rebbiegħa,* Malta, Għaqda Letterarja Maltija ed. 1971, pp. 1-3.

3 Dan il-punt hu marbut l-aktar ma' Romagnosi: "Col denominarmi... ilichiastico io intendo tanto di riconoscere in fatto una letteratura relativa alle diverse età... Vengo ora alla domanda... se io sia classico o romantico; e ponendo mente soltanto allo spirito di essa, torno a rispondervi che io non sono nè voglio essere nè romantico, nè classico, ma adattato ai tempi ed ai bisogni della ragione, del gusto e della morale" (*Della Poesia considerata rispetto alle diverse età delle nazioni, Testi di Poetica Romantica.* F. Allevi ed., Milano, Marzorati 1960, pp.236-237).

4 Cfr. fost l-oħrajn, *Un amico... caro, la Palestra del Seminarista,* a. I, vol. III, 1901, p. 55; *L-Għaġla u l-Arti, Il-Malti,* Sett. 1937, p. 89.

sabiħ, u min jitkellem dwar il-veru jkun qiegħed jagħmel ħaġa siewja. (Fl-istess ħin nafu li hemm veru li *m'hux* sabiħ, iżda ikreħ — fiżikament u moralment, i.e. ħażin — u dan hu mħolli barra). Din il-fehma hi ta' nisel reliġjuż, u fil-fatt il-poeżija ta' Zammit mhux biss tħaddan il-fidi iżda tbiddel kollox, bħall-estetika medjevali, f'mixja lejn l-infinit divin. Fil-qasam tal-fehma tiegħu dwar il-poeta Zammit jieħu sehem fl-aspett mistiku-Platoniku ta' l-estetika klassika.

Skond din l-interpretazzjoni magħrufa, il-poeta hu ħlejqa superjuri, speċjali, ta' nisel divin, u l-arti mhux biss hi sublimi iżda hi reliġjuża, kważi teoloġija f'versi. Mill-Psewdo-Lonġinu sa Vico, Herder u Schlegel din il-fehma sabet żviluppi u xorti mill-akbar, anki f'Malta, l-aktar f'Dun Karm [5] u f'K. Vassallo. [6] Dan kollu jista' jinġabar f'din is-silta li, flimkien ma' l-elementi msemmijin, tissuġġerixxi wkoll il-motiv tat-tisfija li l-poeżija, bħar-riti tal-magħmudija, iġġib fil-bniedem:

> l-għana, bħat-talb,
> igħaqqadna mal-Mulej,
> u jsaffi l-qalb. [7]

Din il-fehma ċentrali hi motiv ta' għaqda tematika fl-awtur għaliex is-sieħeb flimkien lill-esperjenzi differenti li jesprimi u "tgħammidhom" bl-istess mod.

## Il-prietka tan-Natura

Bħal bosta oħrajn, Zammit jibni s-santwarju tiegħu fi ħdan in-natura tal-ħxejjex u tal-bhejjem, waqt li jwarrab lill-bniedem, meqjus sikwit, bħal f'Buttgieg, bħala aġent tal-ħażen. Fl-istess ħin jippersonifika, jew aħjar jantropomorfizza (jagħti bixra umana) lil kulma m'hux uman. Il-lirika pajsaġġistika hi kważi dejjem lokalizzata, tieħu r-ruħ minn post magħżul, u rari hi anonima jew barranija. Dan hu l-aspett topografiku ta' Zammit li hawn jikkuntrasta ħafna man-natura anonima, bla lokal storiku, dejjiema, ta' Buttigieg, leħen ieħor li jkanta fis-santwarju tal-veġetazzjoni. In-natura ta' Zammit hi storika, teżisti xi mkien, għandha sensiela ta' kwalitajiet li l-qarrej Malti jista' jkun jafhom minn qabel. Bħala l-poeta tal-postijiet u tal-ħinijiet (xejra li tressqu lejn Ružar Briffa, imqar jekk dan hu iżjed ħerqan li jillustra d-deżolazzjoni milli l-faraġ bis-saħħa ta' din l-għażla), [8] Zammit hu l-vjaġġatur tal-pajsaġġ Malti. Donnu hu l-gwida ta' l-imkejjen tipiċi, jinnamra ma' l-ismijiet u jinqeda bihom biex, fost l-oħrajn, iżid ma' l-aspetti alliterativi u ritmiċi tal-versi. Is-sens tal-vjaġġatur ġewwieni u fiżiku, mistiku u kurjuż, hu preżenti l-iżjed f'*Il-Għanja tas-Seba' Egħrien* u f'*Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ*, iżda huwa s-sens ewlieni li jagħżlu mill-oħrajn u ftit jew wisq jinħass f'kull lirika li tidħol fil-qasam wiesa' tan-natura veġetativa u pajsaġġistika.

Hawn jixirfu bla ma jieqfu l-verbi

---

5. Cfr., fost l-oħrajn, *Poeta titwieled, ma ssirx, Il-Malti, Ġunju,* 1931, p. 42; *Dell u Dija, Non Omnis Moriar, Grazie del tuo sorriso,* vv. 2-8.

6 Cfr., fost l-oħrajn, *Alla taż-Żgħażagħ,* Malta, G. Muscat 1939, pp. 18, 22 u 86.

7 *Lil Karmenu Vassallo,* vv. 13-14.

8 Cfr. *Metamorphosis, Holm, Deżolazzjoni, Nofs in-nhar sajfi, Lacrymae rerum.*

taċ-ċaqliq (e.g., *nitla'*, *ġejt*, *inżilt*, *ejja*, *ħrabt*, *inxtħett*, *ħriġt*, *ġbidt*, *dħalt* u bosta oħrajn) li jżidu malqari tal-poeżija l-impressjoni ta' mawra turistika jew esplorativa. Il-poeta li qiegħed jivvjaġġa skond l-ispazju m'hux għajr ruħ li qiegħda tivvjaġġa skond il-qagħda ġewwiena, psikoloġika tagħha. Il-mixja tidher fiżika u hi spiritwali, tinħass bis-sensi waqt li sseħħ fil-kuxjenza. Il-bniedem fisser poetikament dak li ħass billi biddel l-astratt u l-ispiritwali f'fiżiku u f'pajsaġġistiku. Wara kollox, il-poeżija m'hix ħlief sforz estetiku biex il-ġewwieni jinħareġ f'għamla figurativa. Dan il-punt jissokta juri li mqar meta l-poeta jrid jaħrab,[9] l-*escapism* qatt m'hu possibbli fl-arti, u l-aktar fil-poeżija li hi, aktar minn ġeneri artistiċi oħra, id-dokumentazzjoni psikoloġika l-iżjed fidila ta' tiġrib uman. L-*escapism* bħala xewqa hu preżenti, bħalma hi din ix-xewqa f'kull bniedem; l-*escapism* bħala qagħda vera hu impossibbli, bħalma hu fil-ħajja, anzi l-arti nnifisha tfixkel u teqred ix-xewqa billi tressaq lill-bniedem (li jrid jaħrab) lejn il-qofol (i.e. ir-riflessjoni fuq l-oġġett tal-ħarba, l-aspetti tal-ħajja li jinsabu kkonċentrati fir-ruħ umana, u l-iżjed f'ta' l-artista).

"Din il-poeżija "misruqa" min-natura[10] hi ċerimonja reliġjuża. Bejn Alla li ħalaq u l-maħluq m'hemmx għażla, anzi fiha mhux biss hemm is-seħer u n-nostalġija li jressqu lill-ġisem tas-sensi lejn l-ispirtu,[11] iżda hemm superjorità li m'hix biss estetika iżda wkoll morali; in-natura mhux biss hi isbaħ mill-bqija tal-ħolqien iżda hi itjeb, fidila f'kollox lejn il-programm ta' l-univers.[12] Din ukoll hi psikoloġija tipika tal-poeti tal-pajsaġġ (id-dinja tal-veġetazzjoni, ta' l-annimali, tal-kampanja), u minn Wordsworth, Jammes, Fogazzaro, Zanella, Foscolo, Leopardi, Baudelaire, sa Buttigieg, Briffa u oħrajn din il-fidi tnissel id-djalogu ma' l-ambjent naturali. Minflok jiddeskrivi (ħaġa li poeta veru ma jagħmilha qatt), il-poeta jġarrab, iħoss l-ambjent, iwaħħdu miegħu u jitkellem bl-ilħna ta' l-oġġetti, tal-postijiet u tal-ħlejjaq. Xi drabi bħala vittma, drabi oħra bħala "qassis", drabi oħra bħala namrat, il-poeta hu dejjem ir-ruħ li tiżvolġi djarju ħerqan magħha nnifisha, imqar jekk 'l hawn u 'l hinn il-forma grammatikali tiegħu hi dik tad-djalogu, ta' l-indirizz jew tat-talba. Il-poeżija ta' din ix-xeħta hi, fil-qofol tagħha, monologu kiebi f'għamla ta' taħdita li tikkomunika. Fil-waqtiet l-iżjed poetiċi, kull artist, bħal kull intellettwali, ma jagħmilx ħaġa oħra ħlief monologu. Li kieku wieħed kellu jżarma psikoloġikament dak kollu li t-test juri grammatikament, din il-verità titla' fil-wiċċ minnufih.

Fidil lejn it-tradizzjoni mhux maqtugħa mibdija minn xi Ġan Anton Vassallo u mseddqa iżjed tard minn xi Dun Karm u oħrajn ta' nebħa patrijottika, Zammit jissokta l-lirika tal-fidi fin-nazzjon. Għall-ewwel darba fl-istorja, ir-romantiċiżmu daħħal bis-

9 Cfr. *Lill-Imħara*, vv. 12-14 u siltiet oħrajn.
10 *Għajn Riħana*, v. 7.
11 Cfr. *L-Egħrien tal-Fatati*, vv. 11-40.
12 Cfr. *Gelmus*, vv. 1-12, 17-24; *Lil Werżieq tal-Harrub*, vv. 11-12.

saħħa kollha s-sens tad-distinzjoni kburija taċ-ċittadini minn dawk ta' kull art oħra. Bil-kixfa ta' dan is-sentiment Malta kisbet hi wkoll il-fidi fl-identità kumplessa tagħha u fissritu billi żviluppat il-movimenti politiċi tagħha u billi bniet letteratura bil-Malti, l-ilsien meqjus bħala għodda ta' għaqda, għażla u dokumentazzjoni storika. Minn *Lis-Swar ta' Malta* sa *Lill-Qanpiena ta' Sant' Anġlu* u oħrajn Zammit jiftaħ il-volum tal-ġrajja nazzjonali mhux biss biex iġarrab nostalġija bla fejda għal żmienu, iżda wkoll biex jegħleb id-distanza bejn l-imgħoddi u l-preżent u jidealizza lill-imgħoddi kbir biex dan jittieħed bħala eżempju mill-kontemporanji. Dan il-fil risorġimentali, ta' nisel Mazzinjan, sab l-aħjar espressjoni f'Dun Karm, iżda f'Zammit hu mfisser b'kalma. Dan il-motiv jagħti lok għad-dħul ta' kredu ieħor tar-romantiċiżmu patrijottiku: il-qima lejn l-eroj. Zammit jagħżel lil Dun Mikiel Xerri, bħalma għamlu oħrajn. L-eżempju li l-awturi riedu jagħtu lill-poplu tagħhom kellu jinbena fuq l-eżempju ta' ġemgħa ta' persunaġġi ta' immortalità storika li issa tbiddlu fi profeti dejjiema ta' nazzjon ħieles.

## Il-waqt tar-riflessjoni

F'waqtiet oħrajn ir-ruħ, tinqeda jew ma tinqediex bl-ambjentazzjoni pajsaġġistika, hi l-eremit ħiemed li jirrifletti quddiem il-veritajiet billi jistħarreġ is-sabiħ. Ninsabu mill-ġdid fi ħdan il-limiti ta' l-estetika msemmija fil-bidu: dak li hu veru huwa sabiħ (i.e. il-poeta, bħala kattoliku, jeskludi li l-poeżija għandha "titħammeġ" ukoll bil-veru li hu ikreħ, fiżikament u moralment). Din il-fehma klassika, ta' nisel Platoniku, twassal għall-konklużjoni li l-ikreħ m'huwiex veru, jew aħjar li l-ikreħ u l-ħażin huma (klassikament) in-nuqqas tas-sabiħ u tat-tajjeb rispettivament.[13]

Bħala effett ta' dan, Zammit, bħall-biċċa l-kbira ta' l-awturi lokali tat-tradizzjoni (minbarra xi Ġużè Ellul Mercer u xi Karmenu Vassallo ta' l-ewwel perijodu), ma jidħolx f'oqsma umani li jistgħu jxellfu din id-dehra pożitiva u reliġjuża tal-ħajja. Minn hawn ġejja l-bixra devota, mimlija fidi tal-poeta, ir-ruħ li tterraq fuq l-art bi ħsiebha fis-sema, l-għajn li tara l-werqa biex tilmaħ lil Alla, il-Webster ta' T. S. Eliot li jara l-kranju taħt il-ġilda.[14] Fi kliem ieħor, taħt l-oġġetti, il-pajsaġġi, il-ħlejjaq, Zammit jaqbad it-tektik tal-verità divina, l-id moħbija li fasslet kollox. Fil-parti jsib is-sħiħ, fiż-żgħir jilmaħ il-kbir. Ninsabu, ftit jew wisq, f'wieħed mill-isbaħ waqtiet tal-poetika Pascoljana tal-poeta tifel, l-adult sempliċi li jġarrab bla ma jifhem, ilaqlaq mingħajr ma jista' jitkellem għaliex il-misteru jidher madwaru waqt li jinsab ġewwa fih, jidher mifrux fl-univers bla truf waqt li jinsab magħsur fl-ispirtu tiegħu.

Studju itwal f'din id-direzzjoni jressaq lil Zammit iżjed lejn żmienna, ibiegħdu bla ma joħorġu għal kollox mill-esperjenza romantika u

13 B'reazzjoni għal din il-viżjoni, l-awturi moderni tas-snin sittin fetħu l-qasam tat-temi letterarji biex jinkludu wkoll dak li tqies tradizzjonalment bħala estetikament u moralment negativ.

14 Cfr. *Whispers of Immortality*, v.2.

jġiegħlu jittawwal kemm kemm fuq m'għandhiex, minn din ta' qabilha: dinja li għandha, daqskemm id-dekadentiżmu.

---

DR. OLIVER FRIGGIERI is Lecturer in Maltese at the University of Malta and author of various scholarly works.